

Brussell, 5 ta' Novembru 2024
(OR. en)

14567/24

ECOFIN 1154
ENV 1010
CLIMA 365
FIN 918

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Finanzjament internazzjonali għall-Klima bil-ħsieb tad-29 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC COP29), f'Baku mill-11 sat-22 ta' Novembru 2024 - Sostituzzjoni tal-paragrafu 17 il-ġdid

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż paragrafu 17 ġdid tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Finanzjament Internazzjonali għall-Klima bil-ħsieb tad-29 Konferenza tal-Partijiet (COP 29) tal-UNFCCC, li jissostitwixxi l-paragrafu 17 preċedenti tal-konklużjonijiet imsemmija, adottati waqt il-laqgħa tal-Kunsill (ECOFIN) li saret fil-5 ta' Novembru 2024.

ADDENDUM GĦALL-KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL ECOFIN TAL-2024 DWAR IL-FINANZJAMENT INTERNAZZJONALI GĦALL-KLIMA (SOSTITUZZJONI TAL-PARAGRAFU 17)

JENFASIZZA l-kontribut tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fis-sena 2023 b'appoġġ għall-azzjoni klimatika fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, ta' EUR 28.6 biljun¹ f'finanzjament pubbliku internazzjonali, u ta' EUR 7.2 biljun² f'finanzjament privat mobilizzat.

¹ Din iċ-ċifra tinkludi sorsi ta' finanzjament għall-klima minn baġits pubbliċi u istituzzjonijiet finanzjarji oħra għall-iżvilupp, u hija kkalkulata abbażi ta' impenji għal kontribuzzjonijiet bilaterali u żborżi multilaterali, kif irrappurtati mill-Istati Membri abbażi tal-Artikolu 19.3 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018. Din tinkludi wkoll EUR 3.2 biljun f'finanzjament għall-klima mill-Baġit tal-UE, inkluż mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus, kif ukoll EUR 2.6 biljun mill-Bank Ewropew tal-Investment.

²Iċ-ċifra tirrigwarda l-appoġġ finanzjarju privat mobilizzat permezz ta' interventi pubbliċi (garanziji, self sindakat, investment dirett f'kumpaniji, linji ta' kreditu, eċċ.). Ma tinkludi l-ebda ammont ta' finanzjament pubbliku utilizzat għall-mobilizzazzjoni ta' dan l-appoġġ finanzjarju privat.